

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Petizzjonijiet

25.09.2009

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Petizzjoni 949/2003, imressqa minn Alberto Perino, ta' nazzjonalità Taljana, f'isem l-assoċjazzjoni 'Habitat', dwar l-oppożizzjoni għall-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja bejn Turin u Lyon

Petizzjoni 523/2004, imressqa minn Darjana Ronconi, ta' nazzjonalità Taljana, u kofirmatarju wieħed dwar il-konnessjoni ferrovjarja pproġettata bejn Turin u Lyon

Petizzjoni 198/2005, imressqa minn Marco Tomalino, ta' nazzjonalità Taljana, f'isem *Coordinamento sanitario Valle di Susa*, dwar ir-rabta tar-riskji għas-saħħa mal-bini tal-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja bejn Turin u Lyon

1. Sommarju tal-petizzjoni 949/2003

Il-petizzjonant, li qed jaġixxi f'isem għadd ta' assoċjazzjonijiet ambjentali, agrikoli u muniċipali, qed jitlob li l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għat-Trasport) u l-Kummissjoni jieħdu azzjoni biex jibdwew stima minn qabel tal-problemi ambjentali, tekniċi, soċjali u ekonomiċi kollha li ġejjin mill-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja pproġettata bejn Turin u Lyon, li tinvolvi b'mod partikolari mina ferrovjarja (li hija twila 54 km) taħt il-Moncenisio (passaġġ li jgħaddi minn qalb l-Alpi bejn l-Italja u Franza). Huwa jsemmi għadd ta' argumenti kontra l-bini tal-mina ferrovjarja pproġettata: ir-riskji idroġeoloġiċi, l-aggregati li għandhom l-uranju u l-asbestos, il-gassijiet li jisplodu meta jitħalltu mal-arja, l-impatt termali, il-periklu għall-art tal-agrikoltura ta' valur u għaż-żoni b'popolazzjoni għolja, l-analiżi mhux favorevoli tal-qligħ meta mqabbel man-nefqa u l-oppożizzjoni mifruxa qalb dawk affettwati. Huwa jinnota li l-Unjoni diġà tat fondi għal studji dwar il-vijabilità tal-proġett (EUR 150 miljun) mingħajr ma nkisbu r-riżultati mixtieqa, filwaqt li r-rapporti rilevanti u l-istħarriġ tekniku mfassla mill-esperti Franċiżi mhumiex favorevoli. Għaldaqstant, il-petizzjonant jitlob li l-iffinanzjar għal iktar konnessjonijiet ferrovjarji riskjużi u li mhumiex ekonomiċi jieqaf u minflok jitlob għal miżuri biex jitjiebu l-konnessjonijiet eżistenti u li ma jintużawx ħafna bħall-passaġġ Fréjus; huwa jħeġġeġ li r-rotta ssirilha revizzjoni, li l-għażliet l-iktar jiswew flus u li jħallu l-akbar impatt ambjentali u soċjali jiġu eliminati u li l-problemi ġeoloġiċi li ġejjin mill-mina jiġu kkunsidrati 'kontra l-kurrent' u li l-istħarriġ dwar l-impatti

CM791817MT.doc

PE343.915v01-00

ambjentali u l-proċeduri internazzjonali għall-offerti jitlestew skont il-leġislazzjoni Komunitarja.

Sommarju tal-petizzjoni 523/2004

Il-petizzjonant jopponi l-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja pproġettata li tgħaddi minn Lyon, Turin u Milan (TAV/TAC) u li tinvolvi mina oħra minn għol-Alpi, billi l-oġġezzjonijiet tiegħu huma bbażati fuq raġunijiet finanzjarji u ambjentali, u juri li l-protesti qawwija mir-residenti lokali (3000 firmatarju) kienu injorati. B'mod partikolari, id-distanza meħtieġa bejn ir-residenzi u l-linja ferrovjarja futura mhux qed tiġi rrispettata (il-proġett attwali jidher li jipprevedi 20 - 30 m biss filwaqt li fi Franza d-distanza minima mil-linja ta' veloċità għolja tat-TGV hija ta' 150 m. Dan jista' jikkawża inċidenti serji u jkollu effetti detrimentali fuq l-ambjent. Barra minn hekk, il-petizzjonant jirreferi għal kwantitajiet kbar ta' asbestos tas-superfiċje fis-sit oriġinali fil-Valle di Susa ta' isfel u l-materjal radjuattiv fil-Valle di Susa ta' fuq.

Għaldaqstant il-petizzjonanti qed jitolbu l-intervent tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni li, bħala tweġiba għal ilment ieħor (tat-12 ta' April 2004) urew li ma nħarġet l-ebda awtorizzazzjoni għall-proġett skont id-Direttiva 85/337/KEE.

Sommarju tal-petizzjoni 198/2005

F'isem assoċjazzjoni tat-tobba ta' 100 membru, il-petizzjonant qajjem tħassib dwar ir-riskji li se jkollu l-bini tal-konnessjoni ferrovjarja l-għdida ta' veloċità u kapaċità għolja bejn Turin u Lyon fuq is-saħħa tan-nies li joqogħdu fil-Valle di Susa ta' isfel u fil-parti tal-Majjistral ta' Turin. Huwa jiġbed l-attenzjoni għar-riskju doppju ta' tniġġis fiż-żona mill-asbestos u l-uranju, li t-tnejn li huma jsiru b'mod naturali. Fir-rigward tal-asbestos (li huwa magħruf li għandu effetti letali meta jinfirex fl-arja), il-preżenza insidjuża tiegħu f'dan il-każ partikolari ġiet ikkonfermata permezz ta' studju reċenti li sar mill-Università ta' Siena dwar il-ġeoloġija tal-Valle di Susa. F'dan ir-rigward għandu jiġi nnutat li l-proġett tal-konnessjoni ferrovjarja ta' veloċità għolja ma jinkludix pjan għall-protezzjoni tas-saħħa applikabbli anki meta xi materjal ikun qed jiġi estratt, trasportat u maħżun. Fir-rigward tal-uranju, żmien ilu ġew identifikati għadd ta' depożiti fil-muntanji tal-fruntieri li dalwaqt se tniġġidhom il-mina ewlenija minn fejn se tgħaddi l-ferrovija l-għdida. Għaldaqstant, il-firmatarji qed jistaqsu jekk il-proġett huwiex konformi mar-regoli dwar l-istima tal-impatt ambjentali jew le: huwa jinjora r-riskji tas-saħħa li ġejjin mill-fatt li l-arja tixrob il-partiċelli kbar mhux ħażin tal-asbestos u l-uranju u għalhekk ma jikkunsidrax l-ispejjeż għoljin ħażin biex jitnaqqsu l-effetti tat-tniġġis f'wied u f'żona urbana kbira ħażin.

2. Ammissibilità

Iddikjarati ammissibbli fit-23 ta' Marzu 2004 (949/2003), fis-26 ta' Novembru 2004 (523/2004), fil-11 ta' Lulju 2005 (198/2005). Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 175(4) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni għal 949/2003, li waslet fit-23 ta' Marzu 2004

- a. 'Il-Komunità hija responsabbli għall-identifikazzjoni tal-infrastruttura li tappartieni

għan-Netzwerk Trans-Ewropew (TEN) u għall-istabbiliment tal-prijoritajiet ta' azzjoni f'dan il-qasam. Il-linji gwida Komunitarji għat-TEN-T identifikaw l-assi bejn Lyon u Turin (li jagħmel parti mill-Proġett Prijoritarju Nru 6 Lyon-Turin-Milan-Venezja-Trieste) bħala proġett prijoritarju. Dawn il-linji gwida Komunitarji ġew adottati wara l-proċess ta' kodeċizzjoni (**pereżempju mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew**) fl-1996. Il-linji gwida l-ġodda (li għadhom għaddejjin mill-proċess tal-adozzjoni) ikkonfermaw il-proġett bħala prijorità. L-ewwel qari fil-PE f'Lulju 2002, ikkonferma l-konnessjoni ta' Lyon u Turin bħala Proġett Prijoritarju fil-qasam tat-TENS. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li l-implimentazzjoni tal-proġett hija responsabilità esklussiva tal-Istati Membri. L-aspetti kollha relatati maċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett ta' infrastruttura (id-disinn – il-permessi għall-bini – il-bini eċċ...) huma mmaniġġjati mill-Istati Membri jew mill-iżviluppatur tal-proġett li jkun ingħata l-proġett.

- b. Bil-maqlub għal dak li jingħad fid-dokument imressaq mill-petizzjonant, il-linja Mont Cenis (li tgħaqqad lil Chambéry ma' Turin) hija linja li pjuttost tintuża. Fil-fatt hija waħda mil-linji TEN-T bl-akbar għadd ta' ferroviji tal-merkanzija internazzjonali kuljum. Minkejja dan il-fatt, huwa minnu li f'dawn l-aħħar għaxar snin it-tendenzi tat-traffiku kienu inqas milli kien imbassar. Ir-raġunijiet għal din is-sitwazzjoni huma trippli:
 - i. is-sehem tas-suq tal-ferroviji tal-merkanzija fl-Unjoni naqas drastikament matul l-aħħar għexieren ta' snin, minħabba l-prestazzjonijiet baxxi ħafna tal-operaturi tal-ferroviji.
 - ii. il-linja nbriet bejn l-1855 u l-1870 u l-karatteristiċi tagħha issa m'għadx għandhom użu (tlajja għolja, kurvi b'radju limitat, sistema ta' eletriċizzar antika, ...). Barra minn hekk, minħabba dawn il-karatteristiċi speċifiċi, l-ispejjeż għall-operat huma għoljin, b'mod partikolari minħabba l-ħtieġa li jintużaw mill-inqas 2 jew, għall-itqal ferroviji, 3 lokomottivi.
 - iii. huwa minnu li għad hemm xi kapaċità żejda disponibbli fuq il-linja – madankollu, minħabba r-restrizzjonijiet imsemmija qabel, mhux possibbli li jiġi implimentat servizz ferrovjarju ta' kwalità għolja li jkun jista' jikkompeti f'termini tal-ħin tal-ivvjaġġar, l-effiċjenza u ta' kemm ikun regolari s-servizz. Barra minn hekk, il-linja attwalment qed tiġi sottomessa għal xogħlijiet ta' titjib li għandhom l-għan li jtejbu l-loading gauge (għal B+) u jtejbu s-sikurezza. Dawn ix-xogħlijiet se jippermettu iktar ferroviji tat-trasport ikkombinat biex jużaw il-linja u jżviluppaw proġett pilota ta' "awtostrada ferrovjarja". Għaldaqstant se jimla l-vojt bejn dan iż-żmien u ż-żmien meta l-linja l-għdida tibda taħdem, mhux aktar tard mill-2020. Dawn ix-xogħlijiet wasslu għal tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità tal-linja billi, sabiex jitjeb il-gauge tal-mina Mont Cenis, linja waħda biss tista' tkun disponibbli matul il-fażi tax-xogħlijiet. Din is-sitwazzjoni se tibqa' l-istess sa mill-inqas tmien l-2006.
- c. Il-kurrituri mit-Tramuntana san-Nofsinhar (li jgħaqqdu l-Italja mal-Ewropa ta' fuq minn ġol-Iżvizzera jew l-Awstrija) flimkien jirrappreżentaw volum sinifikanti ta' traffiku. Madankollu, attwalment, bħalma ġie spjegat qabel, il-linja bl-ogħla volum ta' traffiku (għall-merkanzija) tibqa' l-Frejus. L-inċident drammatiku li seħħ fil-mina ta' Mont Blanc f'Marzu 1999 – li wassal biex tingħalaq għal iktar minn sentejn - wera l-

vulnerabilità estrema tal-Italja li fil-biċċa l-kbira tagħha bbażat il-kummerċ mal-pajjiżi ġirien tagħha fuq it-trasport tal-merkanzija bit-triq. Is-sezzjoni ta' Lyon-Turin tagħmel parti minn wieħed mill-ikbar kurituri li jgħaqqdu l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (f'termini iktar wiesa', mhijiex limitata biss għall-Istati Membri l-ġodda) u l-Ewropa tal-Punent (Franza – il-peniżola Iberika – il-Gżejjer Britanniċi). Jekk iż-żieda fit-traffiku prevista hija biss ta' benefiċċju għat-trasport tal-merkanzija bit-triq, il-konsegwenzi għall-abitanti ta' dawn iż-żoni u b'mod partikolari fil-widien tal-Alpi se jkunu serji f'termini ta' ambjent u ta' perikli tas-sikurezza.

Il-ħtieġa li jitnaqqas l-iżbilanċ bejn it-toroq u l-ferroviji b'mod partikolari – li ġiet innutata fil-White Paper tal-2001 dwar il-politika tat-trasport - identifikat b'mod ċar il-ħtieġa li jinbnew konnessjonijiet tal-ferroviji ġodda (fosthom is-sezzjoni ta' Lyon-Turin) biex titjeb il-kompetittività tal-ferroviji. Il-linja l-ġdida se tippermetti l-implimentazzjoni ta' "awtostrada ferrovjarja" – li probabbli se tkun ibbażata fuq il-mudell tal-"Eurotunnel" - miż-żona ta' Lyon sas-subborgi ta' Milan, li għandha l-għan li tnaqqas il-persjoni tat-traffiku qawwi tat-triq fuq il-mini tal-Alpi ta' Mont Blanc u Fréjus.

- d. Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet lokali ġew ikkonsultati għall-għażla tal-allinjament tal-linja fl-Italja. Dan il-proċess wassal għal xi bidliet fir-rigward tad-disinn tal-bidu.
- e. Bħalma ntqal qabel – il-Komunità hija responsabbli għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet tat-TEN. L-għażla tal-allinjament tal-linja jew tal-għażliet tekniċi hija responsabilità esklussiva tal-Istati Membri kkonċernati.
- f. Is-sitwazzjoni tal-proġetti l-oħra msemmija mill-petizzjonant mhijiex magħrufa sew mill-Kummissjoni. Għandu jiġi mfakkar li l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Komunità tapplika strettament għal kwalunkwe proġett. Jekk ikun jista' jiġi ppruvat ksur potenzjali ta' din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jittieħdu miżuri adegwati f'livell Komunitarju għall-prevenzjoni ta' tali sitwazzjoni.
- g. L-istudji msemmija mill-petizzjonant – b'mod partikolari dawk relatati mal-ambjent - attwalment qed isiru mill-iżviluppatur tal-proġett fil-qafas tal-programm ta' ħidma tiegħu għall-2001-2006.
- h. Attwalment, il-Komunità qed tiffinanzja studji li – *inter alia* - sa tmiem l-2006 għandhom jipprovdu qafas ċar ħafna għall-bini ta' din l-infrastruttura l-ġdida li jinkludi:
 - l-għażliet tekniċi għall-bini tal-mina;
 - il-protezzjoni tal-ambjent u l-miżuri ta' mitigazzjoni;
 - il-pjan finanzjarju u l-għażliet legali għall-involviment possibbli ta' korpi privati permezz ta' Sħubija-Pubblika-Privata.

Barra minn hekk, il-gvern Franċiż – matul l-aħħar CIADT (Comité Interministériel d'Aménagement et de Développement du Territoire) tat-18 ta' Diċembru 2003 – iddeċieda li jżomm il-proġett fost il-prijoritajiet ewlenin tiegħu, u li jiżgura iffinanzjar adegwat tal-fażi tal-istudju sa tmiem l-2006. Din il-pożizzjoni tmur kontra dak li kien espress fil-"verifika dwar l-infrastruttura tat-trasport" li saret mill-Ministeri Franċiżi tal-Ekonomija u t-Trasport u li għamlu biss stima parzjali – u fuq perjodu qasir - tal-ħtiġijiet

tal-infrastruttura fl-Alpi tal-Punent.

- i. Bħalma ġie spjegat fil-punt 6 hawn fuq, il-leġislazzjoni ambjentali Komunitarja tapplika strettament għall-proġett mingħajr eċċezzjoni.

B'mod partikolari, id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (id-Direttiva EIA) kif emendata mid-Direttiva 97/11/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma jingħata kunsens għall-iżvilupp, proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent minħabba *inter alia*, in-natura, il-kobor u l-post tagħhom ikunu suġġetti għal stima fir-rigward tal-effetti ambjentali tagħhom. Dawn il-proġetti huma definiti fl-Artikolu 4 li jirreferi għal Annessi I u II tad-Direttiva.

Il-proċess tal-istima tal-impatt ambjentali għandu jinkludi wkoll konsultazzjonijiet mal-pubbliku u mal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ambjent. Ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet u tal-istima tal-impatt għandhom jiġu kkunsidrati fil-proċedura ta' kunsens tal-iżvilupp. L-Artikolu 7 tad-Direttiva jistipula proċedura għall-proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor. Essenzjalment dan jagħti lill-Istat Membru affettwat (u lill-pubbliku f'dak l-Istat) id-dritt li jipparteċipa fl-istima tal-impatt ambjentali li tkun qed issir. Hija r-responsabilità tal-Istati Membri kkonċernati li jistabbilixxu l-mod preċiż kif jimplementaw dawn l-arranġamenti.

Jidher li ħafna mit-tħassib li esprimew il-petizzjonanti għandu jiġi indirizzat skont id-Direttiva dwar l-istima tal-impatt ambjentali qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandux jingħata l-kunsens tal-iżvilupp jew le. Jekk l-istimi tal-impatt ambjentali ma jinkludux il-passi kollha meħtieġa mid-Direttiva, ikun jidher li jkun hemm ksur *prima facie* li l-Kummissjoni għandha tinvestiga mal-Istat Membru kkonċernat. Fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija mill-petizzjonanti, mhuwiex possibbli li jiġi identifikat ksur tad-Direttiva dwar l-istima tal-impatt ambjentali f'dan il-każ speċifiku. Jekk il-petizzjonanti jistgħu jipprovdu informazzjoni li tippermetti lill-Kummissjoni li tevalwa dawn il-kwistjonijiet fir-rigward tad-Direttivi msemmija qabel, il-Kummissjoni mbagħad tkun tista' tinvestiga l-każ.

- j. Fir-rigward tat-tħassib tal-petizzjonant dwar il-ħsejjes, id-Direttiva dwar il-ħsejjes ambjentali 2002/49/KE (ĠU L 189, 18.7.2002) tesiġi lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex jistabbilixxu mapep strateġiċi tal-ħsejjes, fuq il-bażi ta' indikaturi komuni, jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-espożizzjoni għall-ħsejjes u l-effetti tagħha, u biex ifasslu pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-ħsejjes fl-agglomerazzjonijiet ewlenin u fil-viċinat tal-ikbar infrastrutturi tat-trasport, inklużi l-ferroviji. Għall-ferroviji maġġuri (iktar minn 60 000 passaġġ bil-ferrovija fis-sena), l-ewwel mapep u pjanijiet ta' azzjoni għandhom jiġu stabbiliti sal-2007 u l-2008 rispettivament. Filwaqt li d-direttiva ma tistipulax valuri ta' limitu armonizzati fl-UE għall-espożizzjoni għal ħsejjes ambjentali, hija tipprevedi li l-Istati Membri ġirien għandhom jikkoperaw dwar il-pjanijiet ta' azzjoni għar-reġjuni konfinali.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' Ġunju 2005

Il-Kummissjoni eżaminat id-dokumenti l-oħra li ntbagħtu mis-Sur Perino wara l-laqgħa tal-Kumitat li saret fl-1 u fit-2 ta' Settembru 2004.

Id-dokumenti jqajmu kwistjonijiet dwar il-qasam ta' applikazzjoni tal-istima tal-impatt ambjentali meħtieġa għall-proposta, b'referenza għall-hekk imsejħa mina ta' servizz "Venus", u l-Kummissjoni għaldaqstant kitbet lill-awtoritajiet Taljani biex titlob iktar informazzjoni li għandha tippermettilha li tiddeċiedi jekk il-proċeduri twettqux tajjeb jew le.

Il-Kummissjoni se tinforma lill-Kumitat dwar ir-riżultat tal-inkjesti tagħha hekk kif hija jkollha l-fakultà.

5. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-3 ta' Frar 2006

Bħalma ntqal fil-komunikazzjoni preċedenti lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ddeċidiet li titlob lill-awtoritajiet Taljani l-informazzjoni dwar il-qasam ta' applikazzjoni tal-istima tal-impatt ambjentali meħtieġa għall-proġett, b'referenza partikolari għall-mina ta' servizz "Venus".

L-awtoritajiet Taljani wiegħbu għat-talba tal-Kummissjoni fil-5 ta' Awwissu 2005 u fit-13 ta' Settembru 2005, billi pprovdew informazzjoni dwar il-proċedura tal-istima tal-impatt ambjentali segwita (li hija s-suġġett tal-Petizzjoni Nru 949/2003) kif ukoll dwar il-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet 523/2004 u 198/2005 (b'mod partikolari, b'referenza għall-preżenza tal-asbestos fil-ġebel imħaffer).

Ir-risposti Taljani tal-5 ta' Awwissu u t-13 ta' Settembru 2005 qed jiġu evalwati mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni se tinforma lill-Kumitat dwar ir-riżultat tal-istima tagħha hekk kif hija jkollha l-fakultà.

6. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-10 ta' Novembru 2006.

Wara l-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-25 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni qrat b'interess ir-rapport tal-missjoni ta' tiftix tal-fatti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet. F'din ir-risposta, hija tixtieq tiċċara ċerti partijiet tar-rapport (paragrafi 1, 3, 4, 5, 6, 7 u 8 tal-konklużjonijiet) u tinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-aħħar żviluppi fil-każ.

- 1. Mis-smiġħ tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, diġà sar xi progress. Mhux biss l-*'osservatorju'* (ċentru ta' monitoraġġ) tal-Valle di Susa ġie rikonoxxut uffiċjalment (it-twaqqif tiegħu ġie propost f'Diċembru 2005), iżda fl-4 ta' Lulju 2006 saret l-ewwel laqgħa għall-persuni ewlenin, b'kariga istituzzjonali, involuti. Barra minn hekk, il-Ministru Taljan għall-Infrastruttura, is-Sur di Pietro, fuq ordni tal-Gvern, irtira l-parti tal-proġett fit-territorju Taljan li huwa inkluża fil-liġi *'Legge Obiettivo'*, li wassal għall-ftuħ tal-hekk imsejħa konferenza tas-servizzi (li tgħaqqad flimkien il-partijiet kollha interessati fil-bini tal-linja l-ġdida); l-ewwel laqgħa tagħha saret fil-bidu ta' Awwissu 2006. L-awtoritajiet Taljani issa ddeċidew li jagħmlu stima tal-impatt ambjentali (EIA) sħiħa. Dan huwa progress tanġibbli mill-awtoritajiet Taljani, li b'hekk qed jikkonformaw

għalkollox max-xewqat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet.

- 3, 4 u 5. Il-proġett Turin-Lyon huwa definit bħala ‘TAV - Treno ad Alta Veloċità’ (ferrovija ta’ veloċità għolja), anke fil-konklużjonijiet tar-rapport. Il-Kummissjoni għandha turi li dan il-proġett huwa linja mħallta, fejn se tingħata l-prijorità lill-merkanzija. Din id-dimensjoni tal-merkanzija tagħti lill-proġett il-valur miżjud Ewropew qawwi tiegħu, għax b’hekk se tgħin biex jiġi sodisfat – f’żona tant sensitiva bħall-Alpi – l-objettiv tat-trasferiment modali (it-trasferiment tat-trakkijiet mit-triq għall-binarji ferrovjarji) li l-Kummissjoni stipulat fil-White Paper tagħha dwar il-politika tat-trasport, li ġiet adottata fl-2001.
B’risposta għall-proposta tal-abitanti tal-Valle di Susa, appoġġjata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li titlob ‘iktar trasparenza, billi tippermetti liċ-ċittadini Ewropej jiksbu informazzjoni oġġettiva dwar dan il-proġett’, is-Sinjura Loyola de Palacio talbet li ssir stima indipendenti (minn esperti indipendenti) tal-istudji li jikkonċernaw l-aspetti tas-saħħa u dawk ambjentali u li tittieħed id-deċiżjoni li tinbena linja ġdida minflok ma tiġi aġġornata l-antika.
Fir-rigward tal-aspetti iktar kritiċi, jiġifieri r-riskji mill-asbestos u r-radon, l-esperti eżaminaw ir-riċerka u l-metodoloġija użati mil-LTF (Lyon-Turin Ferroviare), filwaqt li kkumparawhom *inter alia* ma’ eżempji sinifikanti, bħall-mini ferrovjarji Żvizzeri l-ġodda. Huma kkonkludew li l-metodoloġija użata hija rilevanti u li l-miżuri proposti se jippermettu li jiġi żgurat li r-riskji tas-saħħa għall-ħaddiema u l-popolazzjoni lokali jitnaqqsu. Madankollu, l-esperti jirrakkomandaw li ssir riċerka addizzjonali biex tiżdied l-importanza għall-iżgurar dwar is-saħħa u l-ambjent, dwar kwistjonijiet bħall-idroġeoloġija u t-trattament tar-residwi tat-tħaffir.
Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk għandhiex tinbena linja ġdida jew tiġix aġġornata dik attwali, l-esperti żiedu xi informazzjoni importanti fid-dibattitu. Il-linja eżistenti hija linja fl-apert li tgħaddi minn numru ta’ rħula. Il-biċċa l-kbira tal-linja l-ġdida fis-sezzjoni internazzjonali fuq in-naħa Taljana, min-naħa l-oħra, se tgħaddi minn ġo mini u għaldaqstant se tikkawża ħafna inqas problemi mil-linja attwali. 57 mill-61 km tal-linja se jgħaddu minn ġo mini.
- 6. Safejn dan il-paragrafu huwa kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tiġbed l-attenzjoni għal dawn it-tliet prinċipji:
 - a. il-prijoritajiet tan-Netwerk Trans-Ewropew (TEN) ġew adottati mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew skont il-proċedura ta’ kodeċiżjoni (Deċiżjoni Nru 884/2004);
 - b. ir-responsabilità għall-implimentazzjoni tal-proġetti, bħall-għażla tar-rotta u l-għażliet tekniċi, taqa’ f’idejn l-Istati Membri kkonċernati skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;
 - c. ovvjament, dawn il-proġetti huma suġġetti għal-liġijiet Komunitarji dwar l-ambjent u l-kisbiet pubbliċi, li wieħed għandu jikkonforma magħhom.
- 7. Rigward dan il-punt, il-Kummissjoni tenfasizza li, bħala konsegwenza tal-petizzjoni Nru 949/2003, il-Kummissjoni fetħet kawża ta’ inizjattiva proprja (2005/2157) u ddeċidiet li titlob informazzjoni lill-awtoritajiet Taljani dwar il-qasam

ta' applikazzjoni tal-istima tal-impatt ambjentali meħtieġ għall-proġett, b'mod partikolari b'referenza għall-mina ta' servizz "Venaus". L-awtoritajiet Taljani wiegħbu għat-talba tal-Kummissjoni fil-5 ta' Awwissu 2005 u fit-13 ta' Settembru 2005, billi pprovdew informazzjoni dwar il-proċedura tal-istima tal-impatt ambjentali (EIA) segwita (li hija s-suġġett tal-Petizzjoni Nru 949/2003) kif ukoll dwar il-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet 523/2004 u 198/2005 (b'mod partikolari, b'referenza għall-preżenza tal-asbestos fil-ġebel imħaffer). Ir-risposti Taljani tal-5 ta' Awwissu u t-13 ta' Settembru 2005 ma ġewx ikkunsidrati bħala sodisfaċenti, billi ma jiċċarawx jekk l-impatt ambjentali tal-mina Venaus ġiex stmat jew le. Għaldaqstant fit-18 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni indirizzat talba oħra għall-informazzjoni lill-awtoritajiet Taljani, fejn talbet kjarifiki dwar l-istima tal-impatt ambjentali tal-mina Venaus kif ukoll dwar il-miżuri li l-awtoritajiet Taljani għandhom l-intenzjoni japplikaw biex jiżguraw li l-ġebel li jifdal jiġi ttrattat skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-iskart. Il-każ ġie diskuss fil-laqgħa li saret Ruma fis-27 ta' Jannar 2006 bejn l-awtoritajiet Taljani u s-servizzi tal-Kummissjoni. F'dik il-laqgħa, l-awtoritajiet Taljani affermaw li d-deċiżjoni ttieħdet mill-Gvern Taljan f'Diċembru 2005 biex issir stima tal-impatt ambjentali ġdida, li tkopri b'mod speċifiku l-mina Venaus. M'għandhom jibdew l-ebda xogħlijiet ta' bini għal dik il-mina minħabba li għad m'hemmx ir-risultati tal-istudju l-ġdid. Dan ġie kkonfermat b'ittra tas-17 ta' Frar 2006.

Fid-29 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni indirizzat ittra oħra lill-Italja fuq bażi tal-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendata, u talbet lill-Italja biex tikkonferma li l-ebda xogħlijiet ma jinbdew qabel ma tkun saret stima tal-impatt ambjentali sħiħa skont din id-Direttiva. L-Italja kkonfermat dan b'ittra tat-28 ta' Ġunju 2006.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-opinjoni motivata li nħarġet kontra l-Italja fir-rigward tal-proċedura ta' ksur Nru 2002/5170 tirreferi għan-nuqqas ta' konformità tal-leġiżlazzjoni Taljana u mhux għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Taljana f'każijiet individwali. Madankollu, il-Kummissjoni tuża b'mod regolari l-prerogattivi tagħha skont it-Trattat KE biex tiżgura li mhux biss il-leġiżlazzjoni Taljana li tittrasponi d-Direttiva dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali tikkonforma mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, iżda wkoll li din il-leġiżlazzjoni tiġi applikata tajjeb f'każijiet individwali. Dan huwa preċiżament l-għan tal-kawża 2005/2157 dwar il-proġett Turin u Lyon. Bħalma ġie enfasizzat qabel, f'dan l-istadju ma jista' jiġi identifikat l-ebda ksur tad-Direttiva dwar l-istima tal-impatt ambjentali.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tenfasizza li d-Direttiva 85/337/KEE kif emendata ma tesiġix li ssir proċedura tal-istima tal-impatt ambjentali unika u transnazzjonali għall-istima ta' proġetti transnazzjonali, iżda li tiġi segwita proċedura ta' skambju tal-informazzjoni biex jiġi żgurat li l-proċess tal-kisba tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni, kif ukoll id-deċiżjoni eventwali, li jikkarakterizzaw il-proċedura tal-istima tal-impatt ambjentali jikkunsidraw l-effetti transkonfinali tal-proġett.

Tista' ssir stima tal-impatt ambjentali konġunta fuq bażi volontarja, u l-Partijiet tal-Konvenzjoni Espoo dwar l-istima tal-impatt ambjentali transkonfinali adottaw gwida li tiddekrivi kif dan jista' jiġi trattat. Il-gwida għall-istimi tal-impatt ambjentali

konġunti u volontarji għandha tkun applikabbli ugwalment fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-istima tal-impatt ambjentali (li tapplika l-Konvenzjoni fl-UE). Il-Kummissjoni tenfasizza li n-nuqqas ta' stima tal-impatt ambjentali konġunta mhuwiex ksur tal-leġislazzjoni Komunitarja.

- 8. Il-Kummissjoni għandha tenfasizza li hija dejjem ipprovdiet lill-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, l-informazzjoni meħtieġa kollha biex tgħinhom jifhmu l-proġett, anki fid-dawl taż-żjara tal-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-Valle di Susa. Il-Kummissjoni wiegħbet ukoll b'diliġenza u fid-dettall għall-mistoqsijiet kollha li staqsa l-Parlament dwar il-proġett Turin-Lyon; il-Viċi-President Barrot wiegħeb personalment il-mistoqsijiet tal-Kumitati għall-Petizzjonijiet u għat-Trasport, f'laqgħa konġunta fl-20 ta' Ġunju 2006.

Barra minn hekk, il-konklużjonijiet jafferaw li 'ma saritx biżżejjed pubbliċità jew ma saret l-ebda pubbliċità – pereżempju – għall-ħatra u l-mandat tal-aġent Kummissarju Loyola de Palacio'.

Bħalma jistipola l-Artikolu 17(a) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, li tadotta l-proġetti prijoritarji tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (Deċiżjoni Nru 884/2004/KE), il-Kummissjoni kkonsultat lill-Parlament Ewropew qabel ma ħatret il-koordinaturi Ewropej. Il-Viċi-President tal-Kummissjoni, is-Sur Jacques Barrot, baġhat ittra lis-Sur Paolo Costa, Chairperson tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament, fit-8 ta' Marzu 2005. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament approvaw il-ħatra tas-6 koordinaturi Ewropej. Din l-aprovazzjoni ġiet ikkonfermata mill-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2005, li wasslet għal ittra mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell Fontelles, fl-20 ta' Lulju 2005. Il-Kummissjoni għandha turi li, safejn il-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew hija kkonċernata, il-parti essenzjali tal-missjoni u l-mandat tal-koordinaturi Ewropej ġew deskritti. Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, il-Kummissjoni temmen li ngħatat biżżejjed informazzjoni li kienet trasparenti fir-rigward tal-ħatra tal-koordinaturi Ewropej.

Il-Viċi-President Barrot organizza wkoll konferenza stampa fl-20 ta' Lulju 2005, fil-preżenza tal-koordinaturi Ewropej, dwar is-suġġett tal-ħatra tas-sitt koordinaturi Ewropej. Dan l-avveniment ġie kopert ħafna mill-midja Taljana, bħalma ġie kkonfermat mill-bosta artikli ppubblikati fl-istampa nazzjonali u reġjonali.

Il-koordinatur Ewropew għall-Proġett Prijoritarju Nru 6, is-Sinjura Loyola de Palacio, marret il-Valle di Susa, fuq stedina tal-awtoritajiet lokali, fl-24 ta' Novembru 2005. Matul iż-żjara tagħha, is-Sinjura de Palacio ltaqgħet mal-kunsillieri lokali kollha, fejn spjegat ilhom l-importanza tal-proġett fid-dawl tal-prijoritajiet tal-politika Ewropea dwar it-trasport. Fl-24 ta' April 2006 reġgħet iltaqgħet mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali f'Turin, fejn tagħthom id-dettalji tar-riżultati tal-istudju li sar mill-esperti f'isem il-Kummissjoni u biex b'hekk twieġeb għal xi mistoqsijiet elwenin tal-abitanti tal-wied dwar l-impatt tal-proġett.

Fl-aħħar nett, fit-13 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni fejn fiha ressqet ir-rapporti tas-sitt koordinaturi Ewropej wara sena xogħol; din kienet tinkludi r-rapport mis-Sinjura de Palacio, li kien jgħid fil-qosor l-aħħar żvilupp fil-proġett.'

7. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fil-25 ta' Settembru 2009 għall-petizzjonijiet

949/2003, 523/2004, 198/2005 u 786/2007.

Minn Awwissu 2009, ix-xogħlijiet fuq il-konnessjoni ferrovjarja l-ġdida bejn Lyon u Turin għadhom fil-fażi ta' tħejjija. Ix-xogħlijiet fuq il-bini tal-mina nnifisha għadhom ma bdewx la fi Franza u lanqas l-Italja; it-tlestija tal-fażi ta' tħejjija għax-xogħlijiet tal-inġinerija tesiġi xi studji ta' tħejjija addizzjonali, inkluż xi xogħol ta' iktar stima tal-impatt ambjentali. Erba' mini esploratorji jagħmlu parti mit-tħejjija tal-fażi tal-bini tal-mina - tlieta min-naħa Franċiża u waħda minn dik Taljana. Tnejn mit-tliet mini esploratorji fi Franza tlestew u l-aħħar waħda se titlesta fil-ħarifa ta' din is-sena. Ix-xogħol fuq il-mina esploratorja Taljana għadu ma bediex minħabba li għadha ma ntlaħqitx ftehim formali dwar l-allinjament fuq dik in-naħa. Huwa probabbli li x-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili fuq il-mina esploratorja Taljana jistgħu jibdeu fl-ewwel nofs tal-2010.